TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 568/10

**Bronia Buttigieg Gouder**

**vs**

**ICE Phoenix Ltd.**

Illum 28 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmenin ewro (€80), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara li nxtara kellu xi difett.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *mobile phone* għal valur ta' tmenin ewro (€80) mingħand is-soċjeta' intimata u ndunat li dan kellu xi difetti, illi l-*mobile phone* kien qed jintefa' waħdu, u li kull meta tibgħat sms il-*mobile phone* kien jintefa'.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi offrewlha *credit note*, kif ukoll *refund* ta' erbgħin ewro (€40) illi dawn ġew irrifjutati. Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-ħsara ġiet ikkawżata mill-klijenta, stante li kien hemm xi girfa fonda fil-qiegħ tal-*mobile phone,* li jidher li kien waqa'.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, u ra l-provi u ċ-ċirkostanzi, jinnota li s-soċjeta' intimata għamlet minn kollox sabiex issolvi din il-problema minkejja li kien hemm diversi nuqqasijiet fuq il-*mobile phone*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**